— Finalment, ir-rikorrenti ssostni li l-inklużjoni illegali tagħha min-naħa tal-Kummissjoni fl-Artikolu 1(1) u (4) iġġib fix-xejn l-attentat tagħha sabiex tistabbilixxi li hija pparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur min-naħa tal-Kummissjoni tal-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' ġustizzja u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja sa fejn il-Kummissjoni adottat it-tieni deċiżjoni kontra r-rikorrenti li timputaha b'aġir ġdid ta' ksur.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli tipprova suffiċjentement skont il-liġi li r-rikorrenti tista' tiġi ddikjarata responsabbli li pparteċipat fl-allegat ksur uniku u kontinwu.

— Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma eżaminatx is-sitwazzjoni speċifika tar-rikorrenti u ma stabbilixxietx il-komponenti individwali tal-ksur uniku u kontinwu fir-rigward tagħha.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni ma wrietx pjan globali sabiex jintlaħaq għan komuni.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni naqset milli turi li hija pparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu jew kellha l-intenzjoni meħtieġa sabiex tipparteċipa fih.

— Finalment, ir-rikorrenti ssostni li ma hemm ebda konstatazzjoni fis-sens li hija kienet taf bil-ksur.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma mmotivatx suffiċjentement il-konstatazzjoni tagħha li r-rikorrenti pparteċipat fl-allegat ksur uniku u kontinwu.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball meta bbażat ruħha fuq l-attivitajiet tar-rikorrenti fil-ġurisdizzjonijiet irregolati minn pajjiżi terzi bħala prova tal-parteċipazzjoni tagħha fl-allegat ksur uniku u kontinwu u naqset milli timmotiva d-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward.

— Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma osservatx l-oneru tal-prova applikabbli fir-rigward tal-aġir tar-rikorrenti f'Hong Kong jew ma mmotivatx suffiċjentement id-deċiżjoni tagħha.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-aġir tagħha f'Hong-Kong kellu għan antikompetittiv.

— Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-leġiżlazzjoni ta' Hong Kong kienet tobbligaha tippreżenta applikazzjonijiet kollettivi.

— Finalment, ir-rikorrenti ssostni ksur tal-prinċipji ta' korteżija u ta' nuqqas ta' interferenza.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma kellhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE għal aġir relatat mat-titjiriet deħlin, jiġifieri s-servizzi ta' trasport ta' merkanzija bl-ajru minn pajjiżi terzi lejn l-Ewropa.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fil-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

---

## Rikors ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2017 – Latam Airlines Group u Lan Cargo vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża T-344/17)**

(2017/C 239/77)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Latam Airlines Group SA (Santiago, iċ-Ċili) u Lan Cargo SA (Santiago) (rappreżentanti: B. Hartnett, barrister, O. Geiss, avukat u W. Sparks, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1742 finali, tas-17 ta' Marzu 2017, li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (Il-Każ AT.39258 – Trasport bl-ajru) sa fejn din tapplika għar-rikorrenti;

— barra minn hekk, jew sussidjarjament, tnaqqas il-multi imposti fuq ir-rikorrenti; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw seba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball ta' liġi iu ta' fatt min-naħa tal-Kummissjoni sa fejn interpretat ħażin il-provi ċċitati kontra r-rikorrenti, applikat ħażin l-Artikolu 101 TFEU, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim mal-Iżvizzera, u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti, fl-impożizzjoni tar-responsabbiltà fuq ir-rikorrenti għall-ksur fir-rigward tas-soprataxxa ta' sigurtà u n-nuqqas ta' ħlas tal-kummissjoni.

   — Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonstatat li huma kienu jafu bl-aġir antikompetittiv relatat mas-soprataxxa ta' sigurtà u man-nuqqas ta' ħlas tal-kummissjoni.

   — Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li dawn l-aspetti tal-ksur uniku u kontinwu allegat ma humiex separabbli mit-totalità tiegħu u li d-deċiżjoni kkontestata għandha għalhekk tiġi annullata fl-intier tagħha.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball ta' liġi u ta' fatt min-naħa tal-Kummissjoni sa fejn interpretat ħażin il-provi ċċitati kontra r-rikorrenti, applikat ħażin id-dispożizzjonijiet rilevanti, u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti, meta kkonstatat li r-rikorrenti pparteċipaw fil-ksur dwar is-soprataxxa tal-fjuwil.

   — Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma wettqitx il-prova suffiċjenti skont il-liġi li huma pparteċipaw fl-allegat ksur sa fejn dan kien jirrigwarda s-soprataxxa tal-fjuwil.

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-fatt li huma rċevew l-istqarrijiet għall-istampa ma setax jippermetti li huma jkunu jafu bl-allegat akkordju.

   — Finalment, ir-rikorrenti jsostnu li l-provi limitati relatati mal-kuntatti tagħhom ma' trasportaturi ma jistabbilixxu ebda aġir antikompetittiv min-naħa tagħhom u ma jurux li huma kienu jafu jew setgħu jipprevedu l-aġir antikompetittiv ta' trasportaturi oħra.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi mwettqa mill-Kummissjoni meta kkonkludiet li r-rikorrenti kienu responsabbli għal ksur fuq ir-rotot identifikati fl-Artikoli 1(1), 1(3) u 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata, u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti.

   — Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni żbaljat meta, fl-Artikoli 1(1), 1(3) u 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata, żammithom responsabbli, għax il-perijodu ta' preskrizzjoni kien skada.

   — Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Kummissjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex issibhom responsabbli għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE f'rotot intra-ŻEE qabel l-1 ta' Mejju 2004, jew tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE qabel id-19 ta' Mejju 2005.

   — Ir-rikorrenti jallegaw ukoll li l-Kummissjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex issibhom responsabbli għal ksur fir-rigward tar-rotot UE-Żvizzera.

   — Finalment, ir-rikorrenti jsostnu li dawn il-konstatazzjonijiet jiksru l-prinċipju ne bis in idem.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi mwettqa mill-Kummissjoni meta kkonkludiet dwar l-eżistenza tal-allegat akkordju, u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti.

   — Ir-rikorrenti jsostnu li l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li huma pparteċipaw fl-allegat akkordju hija vvizzjata b'nuqqas ta' provi.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li din hija bbażata fuq is-suppożizzjoni żbaljata li l-ksur kellu effett fuq ir-rotot kollha.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li din teċċedi l-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni u twassal għal ambigwità fir-rigward tal-ambitu ġeografiku tal-allegat ksur.

— Finalment, ir-rikorrenti jsostnu li din twassal għal diskrepanzi bejn ir-raġunijiet u d-dispożittiv fir-rigward tas-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata, li ma jippermettux lir-rikorrenti jifhmu n-natura u l-portata tal-allegat ksur.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi mwettqa mill-Kummissjoni meta kkonkludiet li l-allegat aġir jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu, u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti għal din il-konklużjoni.

— Ir-rikorrenti jsostnu li l-aġir inkwistjoni ma kellux skop antikompetittiv uniku.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-aġir inkwistjoni ma kienx jirrigwarda prodott wieħed jew servizz wieħed.

— Ir-rikorrenti jallegaw ukoll li l-aġir inkwistjoni ma kienx jirrigwarda l-istess impriża.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-allegat ksur ma kienx ta' natura unika.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-elementi tal-allegat ksur ma ġewx eżaminati b'mod parallel.

— Finalment, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni pprovdiet provi insuffiċjenti u naqset milli tagħmel analiżi skont l-Artikolu 101(3) TFUE fir-rigward tan-nuqqas ta' ħlas tal-kummissjoni.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq ksur min-naħa tal-Kummissjoni tad-drittijiet ta' difiża u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti.

— Ir-rikorrenti jsostnu li huma ma setgħux iwieġbu għall-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li huma kienu jafu dwar il-ksur relatat mas-soprataxxa ta' sigurtà u man-nuqqas ta' ħlas tal-kummissjoni.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li saru allegazzjonijiet ġodda sabiex isostnu l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-allegat akkordju.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq provi li huma inammissibbli fil-konfront tagħhom.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li diskrepanzi bejn ir-raġunijiet tad-deċiżjoni kkontestata u d-dispożittiv iwasslu għal vizzju ta' motivazzjoni.

— Finalment, ir-rikorrenti jsostnu li huma ma setgħux jipprovdu l-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tad-deċiżjoni li jitneħħew tlettax-il trasportatur u tliet aspetti tal-ksur mill-investigazzjoni wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, u l-Kummissjoni ma pprovdiet ebda raġunijiet għal dan.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq żball ta' liġi u ta' fatt min-naħa tal-Kummissjoni meta kkalkolat il-multa tar-rikorrenti, u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti.

— Ir-rikorrenti jsostnu nuqqas ta' differenzjazzjoni bejn il-koordinazzjoni ta' prezz finali u l-koordinazzjoni fir-rigward ta' elementi limitati tal-prezz.

— Ir-rikorrenti jsostnu wkoll nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ishma mis-suq ikkombinati limitati tad-destinatarji u r-rekwiżiti regolatorji tal-industrija.

— Ir-rikorrenti jallegaw ukoll li l-Kummissjoni ttrattat l-aġir tagħhom bl-istess mod bħall-aġir ferm iktar serju ta' destinatarji oħra, inkluż il-"grupp ewlieni".

— Finalment, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-parteċipazzjoni iktar limitata tagħhom fil-ksur b'paragun ma' dik ta' destinatarji oħra li kisbu wkoll tnaqqis tal-multa minħabba ċirkustanzi attenwanti.